2 ta' April, 1948

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Jessie Spicer *versus* Lewis Spiteri Debono**

## Inġurja — "Animus Injuriandi".

*Min jinkarika persuna legali biex tiktiblu ittra lil persuna oħra li tħoss ruħha offiża b'dik l-ittra, huwa leġittimat jaħseb li dik l-ittra tiġi konċepita f'termini miżurati, u li dak il-konsulent legali mhux sejjer jikteb l-ittra b'mod li tista' tkun ritenuta inġurjuża. U dan anki jekk, qabel ma bagħat l-ittra, il-konsulent legali wrieha lill-klijent tiegħu, imma esprimielu l-fehma tiegħu li l-ittra mhix inġurjuża.*

*Fil-każ preżenti, il-kwerelat kien jikri appartament lill-kwerelanti, u qabbad lill-konsulent legali tiegħu biex dan jikteb lill-kwerelanti fejn jinterpellaha titlaq l-appartament għax dan kien qiegħed jiġi użat għal skopijiet immorali. L-inkwilina ħasset ruħha offiża b'dik l-ittra, u pproċediet għall-inġurja kontra l-kwerelat. Il-Qorti ta' l-Appell, kuntrarjament għal dak li rriteniet il-Qorti tal-Maġistrati, applikat il-prinċipji fuq esposti u żammet li l-kwerelat appellant*

*ma kellux l-"animus injuriandi"; u, prerja revoka tas-sentenza appellata, illiberat lill-kwerelat.*

Fuq kwerela ta' l-imsemmija Spicer, l-imsemmi Spiteri Debono gie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati ta' Malta, sabiex jirrispondi ghall-imputazzjoni ta' ingurja gravi per mezz ta' ittra;

B'sentenza ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Novembru 1947 hu gie misjub hati, u kundannat ghal multa ta' £5 u ghall-hlas ta' l-ispejjez tal-kawza;

Trattat l-appell tieghu minn din is-sentenza, din il-Qorti kkunsidrat;

Mill-provi deher illi l-appellant kien jikri flat lill-kwerelanti. Hu inkarika lill-konsulent legali tieghu, il-P.L. Axiak Mifsud, biex jiktiblu ittra li biha jinterpella lill-kwerelanti biex titlaq l-appartament minhabba li kienet qieghda tuzah (kif allegat) ghal skopijiet immorali. Kien ghalhekk li l-P.L. Axiak Mifsud kiteb l-ittra nkriminata fil-fol. 6;

Il-pont kollu f'din il-kawza hu jekk l-appellant kellux il-hsieb li jingurja lill-kwerelanti; ghaliex kwantu ghall-kliem ta' l-ittra, dawn, fil-materjalità taghhom, u jekk jigu izolati miċ-ċirkustanzi tal-kaz, huma ngurjuzi;

Din il-Qorti, wara li rriflettiet fuq il-provi, ma hijiex ta' fehma li jikkonkorri l-"animus injuriandi"; ghal dawn ir-ragunijiet;

1. L-appellant inkarika, biex jikteb l-ittra, persuna "legali", u kwindi kien legittimat jahseb illi l-ittra tigi konċepita f'termini mizurati, u mhux "ultra quod poscit necessitas litis"—apparti jekk, fil-fatt, kienetx hekk jew le. Ma hux verosimili li l-appellant kellu jahseb li l-ittra tinkiteb b'mod (ghal grazzja ta' argument) li tista' tkun ritenuta ngurjuza. Divers seta' ikun il-kaz kieku l-appellant inkarika persuna mhux legali;

2. Il-P.L. Axiak Mifsud f'din l-istanza xehed illi hu ma jistax jghid jekk l-appellant rax l-originali ta' l-ittra, jew l-abbozz, qabel ma giet mibghuta, jew jekk rax l-abbozz taghha wara li nbghatet. L-appellant xehed li hu, qabel, la ra l-originali u lanqas l-abbozz. Ghalhekk dan il-pont hu, ghallinqas, dubbjuz, u l-appellant ma ghandux jirrispondi (jekk hemm xi ingurja) ghal dak li ma kellux l-opportunità li jara;

3. Ankorkè wieħed kellu jgħid li l-appellant kien jaf, qabel, bil-kontenut ta' l-ittra, hu ta' min jinnota li l-P.L. Axiak Mifsud f'din l-istanza qal li, fil-fehma tiegħu, l-ittra ma kienetx inġurjuża. Għalhekk, jekk il-P.L. Axiak Mifsud wera l-ittra qabel lill-appellant, hu preżumibilment esprima lill-appellant il-fehma tiegħu li l-ittra ma kienetx inġurjuża, konnessa kif inhi din l-ittra mad-dispożizzjonijiet ta' l-art. 10 tal-Kap. 102, li jissottometti għal piena restrittiva tal-libertà personali lil min ikollu post f'idejh u jippermetti l-użu tiegħu għal skopijiet immorali—ċirkustanza partikulari għal dan il-proċess. Ma jistax jingħata tort lill-appellant jekk hu qagħad fuq dan il-parir, fil-każ li wieħed jissupponi li hu ra l-ittra qabel;

Għalhekk, in sostanza, jiġi illi l-appellant, biex ma jikserx il-liġi fuq imsemmija u ma jinkorrix fil-pieni mhux indifferenti tagħha, inkarika lill-konsulent legali tiegħu biex jieħu l-passi meħtieġa, tah, kif ma setax ma għamelx għall-finijiet ta' dik il-liġi, l-informazzjonijiet li kien hemm bżonn, u li tabilfors għandhom jivvertu fuq suġġett per sè inġurjuż, u naturalment tah il-partikulari kollha, kif hemm fl-ittra, biex il-każ jista' jiġi għall-okkorrenza sostnut mill-konsulent legali; u dan kiteb l-ittra li l-appellant, ra jew ma rax qabel, kien ġustifikat jaħseb, ġa ladarba nkitbet mill-konsulent legali tiegħu, li ma kienetx toltrepassa l-limiti tal-legalità, apparti l-pont jekk toltrepassahomx jew le;

Għal dawn ir-raġunijiet jonqos l-"animus injuriandi" L-appell kwindi jirnexxi;

Konsegwentement il-Qorti;

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-kwerelat, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjarah mhux ħati, u tordna li jiġi liberat;

Atteżi ċ-ċirkustanzi tal-każ, hemm lok għal temperament tal-kap ta' l-ispejjeż, li jiġu regolati b'mod li kull parti ssofri tagħha; dritt tar-Reġistru bin-nofs;

Onorarju f'din l-istanza 8s. għas-seduti tat-12 ta' Jannar, [illegible] ta' Frar 1948, u dik tal-lum, u 12s. għal dik tal-1 ta' Marzu 1948.